BIRGU
Città Vittoriosa

## Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-laqgħa 25 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 25 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Berġa ta' Franza.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Alan Cassar, s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija peress li kien xogħol u s-Sur Alan Cassar daħal għal-laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1.1 Il-Kunsil qara u approva unanimament il-minuti ta' l-23 laqgħa.

1.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li r-residenti kienu ġew innotifikati li l-Membru Parlamentari s-Sinjura Marlene Farrugia kienet qed toffri kura dentali bla ħlas lit-tfal taħt is-sittax-il sena residenti fil-Birgu.

1.3 Is-Sindku staqsa jekk kienx attenda xi ħadd mill-Kunsilliera għal-laqgħa dwar il-korsijiet *lifelong learning* fix-Xjenza u l-Komunita' dwar il-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2013.

Fis-6.30 ta' filgħaxija is-Sur Trevor Mizzi daħal għal laqgħa.

1.4 Is-Sindku qal li kien importanti li l-Kunsill ikun rapprezentat fil-Forum li qed jiġi organizzat mill-Assocjazzoni AVEC bl-isem *Heritage and Risk in Europe and the Mediterranean* li ser isir fl-10 ta' Diċembru 2013 f'Marseilles Franza. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jattendi għal dan il-Forum.

1.5 Is-Sindku qal l-Kunsill kien irċieva numru zgħir ta' applikanti li xtaqu jattendu il-korsijiet tal-kompjuter dwar il-korrispondenza LEARNIT u ECDL START li ser jiġu organizzati mill-kumpanija TCTC. Dawn ser jiġu organizzati fil-lokalita' ta' l-Isla.

1.6 Is-Sindku qal li l-*envelope* bid-dokumenti relatati mal-elezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien instab u d-dokumenti ġew mgħoddija lid-Deputat Segretarja Ezekuttiv.

1.7 Is-Sindku qal li l-email kienet intbgħatet lill-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi u ma kinitx indirizzata lis-Sur Paul Bezzina. Is-Sur Mizzi qal li kopja ta' l-email kienet intbgħatet ukoll lis-Sur Bezzina. Is-Sindku qal li l-kontenut ta' l-email kienet għall-attenzjoni tas-Sur Mizzi u wara sar jaf li s-Sur Bezzina kien irċieva din l-email ukoll. Is-Sur Gellel qal li jekk hemm xi differenzi kellhom jiġu rranġati.

1.8 Is-Sindku talab sabiex jiġi kkuntatjat l-Inginir Renzo Curmi dwar ir-rapport ta' Solar Farms fiz-zona Tal-Glaziz.

Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sur Alan Cassar daħal għal laqgħa.

1.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ser jikteb lis-Sur Cole dwar il-possibilita' li l-librerija Reġjonali tiġi spustjata fil-bini ta' l-Armerija peress li l-Ambaxxata Amerikana kienet interessata li tagħmel Istitut ta' Studju fil-Berga ta' l-Ingilterra. Is-Sindku qal li kien ser iresssaq is-suġġerimenti tal-Kunsill sabiex jinstab post alternattiv għal-librerija Reġjonali.

Is-Sur Cassar qal li kien jaqbel mas-Sur Gellel li l-Kunsill għandu jingħata post alternattiv sabiex il-lokalita' jibqa jkollha librerija Reġjonali.

Is-Sur Attard qal li dan il-ftehim mid-dehra kien ser ikun wieħed temporanju. Is-Sindku qal li l-Awtoritajiet konċernati kif intqal mill-askontli l-perjodu kien ser ikun ta' madwar ħames snin.

1.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart u knis fil-lokalita' kien ser jiskadi u għalhekk il-Kunsill kellhu jiddeċiedi jekk iġġedidtx dan il-kuntratt jew tinħareġ sejħa gdida. Is-Sindku ppropona li jekk dan il-kuntratt setgħa jiggedded jiġi mġedded. Il-Viċi Sindku s-Sur Mizzi ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jekk fil-kuntratt hemm li dan il-kuntratt jistgħa jiġġedded għal sena

addizzjonali jiġi mġedded. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tara d-dokument tal-offerti u fil-laqgħa li jmiss tinforma lill-Kunsill.

2 Korrispondenza

2.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar l-applikazzjoni tal-ħames edizjoni tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Il-Kunsill approva unanimament li jieħu sehem fil-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ 2013/2014.

2.2 Inqrat korrispondenza li l-Kunsill bgħat lis-Segretarju Parlamentari għal Kultura u l-Gvern Lokali dwar li fi ftit ġimgħat oħra kien ser jibda xogħol ta' restawr f'parti oħra fil-bini amministrattiv tal-Kunisll fil-Berġa ta' Franza. Peress li din il-binja hi stmata bħala binja storika tal-ewwel grad u l-ispejjez relatati ma' dan ix-xogħljiet dejjem ġew mħallsa bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, għalhekk il-Kunsill talab l-approvazzjoni sabiex l-ispejjez kollha jiġu rifonduti lill-Kunsill kif kien miftehem.

2.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza fejn informa lill-Kunsill li residenti kienu ġew infurmati li fil-bidu tas-sena dieħla kien ser jibda x-xogħol ta' pavimentar kif ukoll jinbidlu s-servizzi ezistenti mgħoddija taħt l-art fi zona tal-Collachio fi TriqPaċifiku Sciculuna, Triq Papa Alessandru, Triq il-Kwartier, Triq Glormu Cassar, Triq Nofsinhar, Triq il-Palazz tal-Isqof u Triq il-Majjistral.

2.4 Is-Sindku ressaq korrispondenza li nbgħatet lill-Awtorita tal-Portijiet f'Livorno fejn il-Kunsill infurmhom li kien interessat jipparteċipa fil-proġett Med Call li jagħmel parti mill-program MED 2007-2013.

3 Deċizjoni dwar l-offerti

3.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-offerti sottomessi għas-servizz ta' Perit tal-Kunsill – CMRM 1/2-1013 li ġie mħejji mil-Perit Duncan Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament li jimxi fuq l-evalwazzjoni tal-Perit Mifsud u jaċċetta l-offerta l-aktar waħda vantaggjuza dik mingħand il-Perit Mark John Scicluna.

| **Kuntrattur** | ***Management Fee*** | ***Consultany Services*** | ***Preparation Bill of Quantity*** | ***MEPA Application*** |
|---|---|---|---|---|
| 1. Perit Mark John Scicluna | 0.80% | €9.00 | 0.80% | €150 |

3.2 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport ta' evalwazzjoni li ġie mħejji mill-Inġinir Matthew Cauchi dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-Servizz ta' *On Line Streaming* – QTE 4/2013. Il-Kunsill qabel unanimament li jimxi mar-rakomandazzjoni tal-Inginir Cauchi u jagħzel l-aktar offerta vantaġġjuzza dik mingħand il-Kumpanija AD Ltd.

| Kuntrattur | *Equipment Installation* | *Streaming* | *Maintenance Agreement* | *Back Up* |
|---|---|---|---|---|
| 1. AD Ltd | €1758.10 | €708.00 | €978.00 | €177.00 |

4. Posizzjoni vakanta għal-Skrivan/a skala 15

4.1 Is-Sindku talab sabiex jitwaqqaf bord tal-għazla minn persuni indipendenti sabiex isir ir-reklutaġġ tal-iskravan/a fi skala ħmistax. Is-Sindku wera xewqa li minbarra dawn il-persuna, hu jkun wieħed mil-membri f'dan il-bord.

5. Hatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13

5.1 Is-Sindku talab sabiex jitwaqqaf ukoll bord tal-għazla sabiex jinħatar Uffiċjal Eżekuttiv fi skala tlettax.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku